# Is-Sur Michael Farrugia
# It-tielet President tal-Każin Banda San Ġiljan A.D. 1927

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dan il-profil tas-Sur Michael Farrugia, jagħti ħarsa pjuttost dettaljata tal-ħajja personali tiegħu u tax-xogħlijiet kbar u żgħar li saru minn kemm ilu President. B'hekk, il-qarrej ikun jista' japprezza aħjar l-ħidma ta' fejda kbira li qed iwettaq fil-Każin, imma wkoll, fil-komunità Ġiljaniża.

Kliem muftieħ: Festa San Ġiljan, San Ġiljan tax-xitwa, Michael Farrugia (President), Ralph Arrigo, Dr. Gaetano Borg Olivier, Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Għal min għadu ma jafx, is-Sur Michael Farrugia (jew 'Is-Sur Mike' – jew kif inhu magħruf aħjar mal-lavranti tiegħu stess u l-membri tal-kumitat) huwa l-President attwali tal-Każin Banda 'San Ġiljan' – kariga ta' prestiġju u importanza li ilu jokkupa sa mill-1992.



Michael Farrugia, twieled Ħal Qormi, fl-1931 minn Anthony u Karmena, imwielda Agius, u huwa s-sitt wild minn fost disat aħwa. Kellu tfulija tista' tgħid normalissima għal dawk iż-żminijiet ferm diffiċli ta' qabel u matul it-Tieni Gwerra Dinjija tal-1939-45. Missirijietna batew il-ġuħ u l-faqar, u din is-sitwazzjoni imwiegħra affettwat wkoll it-trobbija tal-familja Farrugia. U kien proprju f'dan iż-żmien li l-familja Farrugia ddeċidiet li tmur toqgħod f'Tas-Sliema, triq 'il bogħod mill-inħawi magħrufa bħala l-*Lazy Corner* li kienet tinsab f'tarf it-Tramuntana tar-raħal. Lura fl-1948, is-Sliema kellha l-akbar popolazzjoni għax kienet tiġbed lejha, kemm lin-nies għonja mill-Belt li kienu jfittxuha għall-villeġġatura fix-xhur sħan tas-sajf, kemm 'il dawk li kienu ġejjin mill-klassi tal-ħaddiema, kif ukoll lis-sidien tal-ħwienet. Għal xi żmien, is-Slimiżi kienu jiftaħru b'dan il-kwartier tal-klassi tal-ħaddiema, li aktarx ġab ismu minn ħanut tax-xorb li kienu jiffrekwentawh kemm in-nies tal-lokal kif ukoll Ingliżi li kienu fis-servizz. (Fir-ritratt jidher is-Sur Mike ta' 19-il sena.)

Intant, għadu kemm ħiereġ miż-żgħorija, Michael ma damx wisq biex integra ruħu fis-soċjetà Slimiżi, u bħal bqija ta' sħabu żgħażagħ, beda jattendi hu wkoll l-Oratorju tas-Sależjani, u m'għandniex xi ngħidu, kiseb il-formazzjoni tal-karattru tiegħu mingħand l-istess *Fathers*. Wara li temm l-edukazzjoni sekondarja tiegħu, Michael sab xi mpjiegi żgħar mal-partikular sa ma kellu 19-il sena meta beda jaħdem bħala apprentist mas-servizzi Ingliżi, u wara daħal jaħdem fil-*Qrendi Mine Depot* fejn dam jaħdem għal madwar disa' snin sħaħ. Fl-1954 Michael ingħaqad ma' Maria Dolores, imwielda Spiteri u minnha kellu erbat itfal – Anna Maria, Charles, Michael u Stefan.

Iżda biex trabbi familja numeruża bil-paga li kellu ma kenitx ħaġa faċli, u għalhekk, Michael, ta' bniedem bieżel li kien, beda jaħdem xogħol partajm bħala elektrixin. Ix-xogħol kien beda sejjer tant tajjeb, li fi ftit żmien anke beda jdaħħal xi nies miegħu biex jgħinuh fil-ħidma tiegħu, u minn hemm ma ħarisx lura. Dan wassal biex Michael jiftaħ negozju żgħir għal rasu u jibda jieħu xi kuntratti

mdaqqsin fis-servizzi tal-bini li dak iż-żmien kien fl-aqwa tiegħu. Ftit wara li fetaħ dan in-negozju ġdid, il-familja Farrugia ġarret għat-tieni darba, u minn Tas-Sliema marret toqgħod San Ġiljan. Michael kien jaħdem bla heda biex seta' jgħajjex familja, imma bħal kull missier ieħor, l-istess ħidma sfiqa ma tantx kienet tħallilu ħin biżżejjed biex jgawdi lill-uliedu kif kien jixtieq.

**Ħbiberija tajba tagħti l-frott tagħha**

Fost il-lavaranti li kellu jaħdmu miegħu, kien hemm għadd sabiħ minnhom minn San Ġiljan stess. U f'qasir żmien, il-kumpanija ta' Michael bħala kuntrattur imxiet 'il quddiem u saret magħrufa sew fil-qasam tas-servizzi tal-bini, u bin-numru ta' klijenti jibqa' dejjem jiżdied. Wieħed mill-klijenti regolari tiegħu ma kien ħadd ħlief is-Sur Ralph Arrigo – President tal-Każin Banda San Ġiljan ta' dak iż-żmien. Is-Sur Ralph Arrigo (13. 12. 1927 – 15. 06. 1993), iben l-Onorevoli Edward G. Arrigo C. B. E. U Mary, imwielda Rizzo, kien sar it-tieni President tal-Każin Banda San Ġiljan wara li Dr. Gaetano Borg Olivier (1895 – 1980) kien irtira minn din il-kariga fl-1976 minħabba raġunijiet ta' saħħa. Ralph, li sa dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Viċi-President, kien laħaq President tal-Każin fl-1977.

Intant, f'dan l-istess żmien jingħad ukoll, li ċertu wieħed Anġlu mlaqqam 'il-Waħx', li kien jaħdem mas-Sur Mike u membru fil-kumitat, kien diġà beda jipprova jressaq lill-imgħallem tiegħu lejn il-Każin. Imma kienet din il-ħbiberija ta' bejn iż-żewġ imgħallmin li tabilħaqq wasslet lil Michael biex jibda jaħseb bis-serjetà ħalli jikkontesta għall-kariga ta' President. Dan sar fuq insistenza ta' Ralph innifsu għax kien jaf li l-Presidenza tiegħu kienet qorbot lejn tmiemha, u allura ma riedx iħalli din id-dinja qabel ma jkun ċert mis-suċċessur tiegħu. Fil-fatt, is-Sur Ralph Arrigo miet nhar id-19 ta' Ġunju, 1993, u bħalma jiġri dejjem f'okkażjonijiet simili, il-Każin tah l-aħħar tislima fil-quddiesa funebri u fil-korteo minn ħdejn il-Knisja sal-każin fejn ingħatalu l-aħħar salut bid-daqq tal-kurunetti.[1]

**It-tielet President tal-Banda San Ġiljan**



Is-Sur Michael Farrugia nħatar uffiċjalment it-tielet President tal-Każin Banda San Ġiljan f'laqgħa ġenerali ta' Frar 1993 wara li Ralph Arrigo kellu jirtira mill-kariga minħabba raġunijiet ta' saħħa, u mill-ewwel xammar il-kmiem biex jibda l-ħidma tiegħu. Fl-ewwel messaġġ tiegħu, l-President il-ġdid kien wiegħed li ser jieħu din il-kariga bl-akbar serjetà li jixirqilha l-istess kariga.[2]

Fost il-prijoritajiet kollha huwa xtaq jagħti wiċċ ġdid lill-Każin. U għal dan il-għan, il-President daħal mill-ewwel għal biċċa xogħol iebsa – dik li jagħnieh b'sala mgħammra kif jixraq lil kull każin tal-banda. Sena biss wara, f'kelmtejn li kien kiteb fil-programm tal-festa – Każin tal-Banda 'San Ġiljan' – Festa 1994, huwa qal hekk:

---

[1] Ara programm speċjali – 75 sena mit-twaqqif tal-Banda – Banda San Ġiljan, p. 35.
[2] Ara l-ewwel ħarġa tal-programm tal-festa – Banda San Ġiljan – 1993.

*"Wara li tlestew ix-xogħlijiet kollha meħtieġa, is-sala ġiet inawgurata uffiċjalment f'Jannar ta' l-1997 mill-Onor. Evarist Bartolo."*

Is-Sur Michael Farrugia kien strumentali biex il-festa liturġika ta' San Ġiljan tax-xitwa tiġi ċċelebrata kif nafuha llum, i.e. bid-daqq ta' marċi brijużi mill-knisja l-qadima sal-misraħ tal-Qalb ta' Ġesù, fejn hemm imbagħad issir iċ-ċerimonja simbolika bit-tqegħid tal-fjuri f'ħoġor l-istatwa tal-ġebel, u li fiha jieħdu sehem l-għaqdiet kollha Ġiljaniżi. Qabel l-1996 kien isir marċ obbligatorju mill-Gvern minħabba li l-Każin kellu l-banka tal-lottu. Dan l-appuntament kulturali għadu jinżamm kull l-aħħar Ħadd ta' Jannar.

Fost il-ħafna proġetti ta' fejda li twettqu fiż-żmien il-presidenza attwali wieħed jista' jsemmi wkoll:

(a) il-kundizzjonijiet ġodda li saru bil-għan li jiżdiedu l-membri

(b) tranġa l-istatut b'tali mod li jkun jista' jilqa' għall-bżonnijiet moderni

(ċ) saret ħidma biex sehem il-banda f'San Ġiljan ikompli jikber. Dan sar billi twaqqfet akkademja tal-mużika u bdew jinżammu s-serati mużikali fis-sala ewlenija tal-Każin, beda jittella' l-kunċert annwali f'Xatt is-Sajjieda, u kunċerti oħrajn fiż-żmien il-Milied u l-Ġimgħa l-Kbira bis-sehem tal-*Piccola Banda*.

Il-President Michael Farrugia kellu wkoll l-unur li jilqa' fil-Każin u jagħmel messaġġ ta' merħba lil diversi nies distinti fosthom, lill-E.T. Dr. Censu Tabone fl-1994, u lill-E.T. Dr. Edward Fenech Adami, President ta' Malta fl-2008. Mexxa wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet ta' żewġ anniversarji mportanti – dik tas-70 sena (1997) u 75 sena (2002) rispettivament mit-twaqqif tal-Każin Banda San Ġiljan, kif ukoll dik ta' għeluq il-100 sena mill-mewt tal-ewwel Surmast u fundatur tal-Banda – Mro. Angelo Pullicino.

Mhux ta' b'xejn għalhekk, li fil-kelmtejn tiegħu bħala President f'għeluq it-80 Anniversarju tal-Banda (1927-2007), kien kiteb hekk:

*'... Din hija l-15-il darba li qiegħed nikteb dan il-messaġġ għaliex daqshekk ili President ta' din l-Għaqda, u b'sodisfazzjon ngħid li kienu 15-il sena mimlijin b'memorji mill-isbaħ ... Ir-responsabbiltà tagħna bħalha Kumitat hija li nieħdu ħsieb il-Każin u nkomplu fejn ħallew ta' qabilna ... Biżżejjed wieħed idur dawra mal-bini tal-każin sabiex jinnota x-xogħol ta' tisbiħ li sar f'dawn l-aħħar snin.'*

Fost il-proġetti l-aktar riċenti li twettqu taħt il-presidenza tas-Sur Mike nsibu l-kamra tal-mużika fit-tieni sular li fiha dak kollu li huwa meħtieġ għat-tagħlim tal-mużika, u s-segreterija, li hija mgħammra b'apparat modern li jinkludi kompjuter u makna għall-ikkupjar fost affarijiet oħrajn.

Bla dubju ta' xejn, ix-xogħol li wettaq matul is-snin is-Sur Mike fil-Każin Banda San Ġiljan hu wieħed ta' benefiċċju kbir. Huwa ta ħafna minn ħinu sabiex wettaq proġetti siewja u ta' ġid fil-Każin, u dan jixhduh in-numru dejjem jiżdied ta' soċji fl-istess każin.

Il-formazzjoni li ħa s-Sur Mike – mit-tbatijiet tat-tfulitu, miż-żmien li qatta' fl-Oratorju tas-Salesjani, u mis-sagrifiċċji li għamel sabiex beda u kabbar negozju, għamlu minnu raġel onest, serju u integru – mhux ta' b'xejn li jgawdi rispett minn dawk kollha li jafuh.